Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Frar 2024
(OR. en)

6931/24

SOC 133
EMPL 72
SAN 107

## NOTA PUNT "I/A"

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sa Ida NUMMELIN, membru supplenti għall-Finlandja, minflok is-Sur Erkki AUVINEN, li rriżenja |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Errki AUVINEN bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions (għall-Finlandja).

2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol[1], il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Finlandja nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membru supplenti li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

Is-Sa Ida NUMMELIN
Senior Adviser, Social and Health Policy
Finnish Confederation of Professionals STTK

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003[1] li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022[2], il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Errki AUVINEN, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions.

(3) Il-gvern tal-Finlandja nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

1 ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
2 ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sa Ida NUMMELIN hija maħtura membru supplenti fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Errki AUVINEN, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President